**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR MICHELA SPITERI LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 11 ta' April 2019**

Kawza Numru: 2/2017MS

Paul Debattista (K.I. 494993M)

vs

Enemalta plc u GTE Joint Venture

It-Tribunal,

Ra l-avviz ipprezentat mill-attur fit-12 ta' Jannar 2017 fejn talab lil dan it-Tribubal jikundanna lil konvenuti jew min minnhom li jhallsuh s-somma ta' €1,148.12 rapprezentanti danni sofferti minnu bhala konsegwenza ta' hsarat f'cable tad-dawl fi Triq l-Imgarr il-Qala, Ghawdex, fejn sofra hsarat fl-apparat u prodotti li kellu fil-Clubhouse fi Triq l-Imgarr, il-Qala, Ghawdex.

Ra r-risposta tas-socjeta Enemalta pprezentata fl-14 ta' Frar 2017, fejn eccepiet li t-talba tal-attur hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjes kontra tieghu. Eccepiet preliminarjament li s-socjeta' konvenuta ma kienitx il-legittimu kontradittur; it-tieni illi ma kienitx hi illi qabbdet jew ordnat lil kuntrattur biex jaghmel dawk ix-xogholijiet li wasslu ghad-danni allegati; it-tielet illi x-xogholijiet li wasslu ghad-danni allegati ma kienux qeghdin isiru fuq talba u/jew istruzzjonijiet tas-socjeta' konvenuta; ir-raba illi l-attur kellu jipprova t-titolu u ghalhekk id-dritt tieghu fuq il-propjeta' fejn allegatament saru d-danni pretizi.

Ra r-risposta ta' GTE Joint Venture pprezentata fit-23 ta' Marzu 2017, fejn eccepiet preliminarjament il-preskrizzjoni ghat-talbiet tal-attur ai terminu tal-artikolu 2153 tal-Kap 16

tal-Ligijiet ta' Malta; it-tieni illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi ma gew krejati l-ebda danni u/jew hsarat lill-attur; it-tielet li is-socjeta' eccipjenti ma kienetx responsabbli ghax-xogholijiet li permezz taghhom giet imqabbda l-provvista tad-dawl.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Sema' x-xhieda bil-gurament u sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri.

Ikkunsidra.

**Is-socjeta' konvenuta Enemalta**

Illi fl-ewwel eccezzjoni preliminari taghha, s-socjeta' konvenuta Enemalta ddikjarat illi ma kienetx il-legittimu kontradditur stante li ma kellha xejn x'taqsam - la direttament u lanqas indirettament - max-xogholijiet li kienu qeghdin isiru fl-inhawi tal-istabbiliment tal-attur.

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi illi l-incident in kwistjoni gara fl-24 ta' Ottubru tal-2014 meta s-socjeta GTE Joint Venture, parti mis-socjeta' Gatt Group kienet qed tesegwixxi xogholijiet ta' bdil ta' *mains* a karigu tal-Water Services Corporation fi Triq l-Imgarr il-Qala. Gara illi meta gaffa kienet qed tgholli katusi tal-*mains* minn mal-art dina laqtet *overhang cable* tal-Enemalta, qatghet il-linja tan-*neutral* u ghalhekk interrompiet l-elettriku fl-inhawi, inkluz il-Clubhouse tal-Qala Saints illi hemm fil-vicin.

Maro Pavia, foreman mal-Enemalta jgid illi mar fuq il-post sabiex jara l-hsarat, ha xi ritratti, ordna li jsiru t-tiswijiet. Dawna saru mill-aktar fis possibbli u l-elettriku gie repristinat. L-attur ighid illi meta sar dan, l-elettriku gie b'*surge* u dan ikkawza hsarat fil-fridges kif ukoll fix-xorb u l-ikel li kellu fihom skond invoices u dokumenti li pprezenta. Dawn id-danni lahqu s-somma mitluba ta' €1,148.12. Fix-xhieda tieghu a fol 29, Mario Pavia ighid "illi bit-tip ta' linji li nqatghu, peress illi nqaghtet il-linja tan-*neutral*, huwa normali li jinharqu *appliances*, partikolarment fit-three phase." Ikompli jghid illi ta istruzzjonijiet lis-sur Debattista biex ihalli l-*main switch* tal-clubhouse mitfi sakemm il-haddiema jirrangaw il-linji (fol 30).

Jinghad, illi din id-dikjarazzjoni tas-sur Pavia - u cjoe' li huwa normali li jinharqu *appliances* peress illi nqatghet il-linja tan-*neutral* - ma gietx kontestata bl-ebda mod.

It-Tribunal ra wkoll ir-rapport tal-incident ippreparat minn PS 369 Joseph Mizzi (fol 39) fejn dana iddeskriva fid-dettal dak li qallu Paul Michael Debattista fuq dak li wassal ghal dan l-incident u min kien qieghed jahdem fuq il-post. Ighid ukoll li meta l-pulizija marru fuq il-post flimkien mal-foreman tal-Enemalta (Mario Pavia) raw illi kien hemm imwahhal arblu tad-dawl bil-bozza mieghu mghawweg ghal go triq u diversi bobbins tac-caqquf nieqsa jew miksura u zewg wires - wiehed *neutral* u l-iehor *blue live* maqtughin u mhollija mdendlin fit-triq. Dawn kienu ta' periklu ghall-pubbliku. Gie nnotat wkoll konkoss go gandott li kien ghadu frisk peress illi kienu qeghdin jinqalghu xi pajpijiet antiki u tpoggew ohrajn flokhom. Ighid li l-pulizija kellmet lil Benny Gatt - wiehed mid-dirigenti ta' GTE Joint Venture - li dan irrakontalu li meta l-hymak kien qed jaqla' wahda mill-katusi u refa' l-gib, incidentalment laqat il-wires tal-elettriku. Spicca r-rapport tieghu billi qal li "Huwa (Benny Gatt) assuma r-responsabbilta' ghal dak li gara."

It-Tribunal jirrileva li Benny Gatt ma xehedx biex jikkonferma o meno din id-dikjarazzjoni.

Ikkunsidra

Illi fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi processwali it-Tribunal huwa sodisfatt illi s-socjeta' konvenuta Enemalta ma kienitx responsabbli ghall-qtugh tal-*wires* illi sar waqt xogholijiet imneddija mis-socjeta' GTE Joint Ventures. Din tal-ahhar kienet imqabbda mill-Water Services Corporation biex tbiddel pajpijiet tal-*water mains* minn Hondoq ir-Rummien sar-*reservoir* ta' Ta' Cenc. (ara xhieda Mario Gatt fol 133). Waqt li kienu qeghdin issiru dawn ix-xogholijiet, nqatghu l-wires. Ghalhekk ghal dak illi huma l-qtugh tal-*wires* zgur illi hemm responsabbilta' da parti ta' GTE Joint Ventures peress illi kien hemm element ta' traskuragni da parti tal-operatur tal-gaffa illi b'nuqqas ta' sengha u hila ma qaghadtx attent ghal *overhang wires* li kienu ben vizibbli meta gholla l-gib tal-gaffa.

Sa hawn kwindi s-socjeta' konvenuta Enemalta m'ghandhiex responsabbilta'. Pero, il-kwistjoni li ghandha quddiemha dan it-Tribunal mhijiex esklussivament dwar il-hsara kkawzata fuq il-*cable,* izda dwar il-hsara li giet ikkawzata meta l-elettriku gie repristinat, u cjoe' meta sar *surge* u konsegwentement hsara fil-*appliances* tal-attur. Is-socjeta' Enemalta

mhijiex qieghda tigi mitluba twiegeb ghal konsegwenza tal-hsara fil-qtugh tal-*cables* izda ghal konsegwenza ta' dan is-*surge* fl-elettriku.

Ikkunsidra

Illi ma hemmx dubju illi *surge* ikun ikkawzat wara qtugh fl-elettriku u dan jigi riprestinat. Jezistu dawk li huma maghrufa bhala *surge protectors* biex jipprotegu minn dawn is-sitwazzjonijet. Dawn jistghu jkunu installati privatament jew b'mod aktar generali mill-Enemalta stess biex tipprotegi minn din is-sitwazzjoni jekk ikun il-kaz. Ma rrizultax jekk l-Enemalta ghandhiex din il-kapacita' jew le. It-Tribunal ghandu biss dikjarazzjoni unilaterali u kategorika ta' Mario Pavia, foreman mal-Enemalta meta jghid li hija haga normali li jkun hemm *surge*, partikolarment fit-*three phase* meta l-elettriku jigi riprestinat. Din id-dikjarazzjoni ma gietx ikkontestata la mill-attur u lanqas mill-konvenuti l-ohra fis-sens illi Pavia qatt ma gie mistoqsi domandi dwar id-dikjarazzjoni tieghu u kemm din id-dikjarazzjoni kienet verosimili / veritjera jew le. Dawn id-domandi jidhru li saru lil Redent Balzan Divisional Manager u responsabbli ukoll mill-Customer Care, li tul ix-xiehda tieghu ighid kemm-il darba li mhuwiex tekniku / mhuwiex it-technical person u ghalhekk ma setax ikun jaf x'kien il-kagun tal-hsara. (ara fol 63, 64, 65, 66, 67, 68, 69, 70 tal-process).

Peress illi t-Tribunal ukoll mhuwiex tekniku f'din il-materja u stante li ma saritx talba ghal hatra ta' perit tekniku li seta' forsi jikkontradixxi jew jikkontrasta dak illi qal is-sur Pavia, it-Tribunal m'ghandux triq ohra hlief illi tiehu din id-dikjarazzjoni bhala veritjera u mhux kontradetta.

Ikkunsidra

Minn dan jirrizulta kwindi illi l-hsarat ikkawzati fl-*overhanging cables* kienu ta' responsabbilta' tas-socjeta' konvenuta GTE Joint Ventures. It-tieni, stante li skond Mario Pavia, hija "normali" li jkun hemm surge fil-riprestinament tal-elettriku, allura is-socjeta' Enemalta lanqas ma hija responsabbli ghal hsarat subiti mill-attur. Ma rrizultax jekk l-attur hax il-parir ta' Pavia illi jitfi l-*main switch* waqt li jkunu qed isiru x-xogholijiet minn Enemalta.

Ghalhekk ghal dak li jirrigwarda s-socjeta' konvenuta Enemalta filwaqt illi t-Tribunal jiddikjara li s-socjeta' hija legittimu kontradittur f'kull sens ta' ligi, irrizulta li m'ghandhiex tkun responsabbli ghal hsarat subiti mill-attur.

Stante din id-dikjarazzjoni, mhux il-kaz li t-Tribunal jikkunsidra l-eccezzjoni l-ohra imqajma mis-socjeta' konvenuta Enemalta.

Ikkunsidra

**Is-socjeta' konvenuta GTE Joint Venture**

Illi b'referenza ghall-eccezzjonijiet imqajma mis-socjeta' GTE Joint Venture, dina bdiet preliminarjament billi eccepiet favur taghha id-dekors ta' terminu ta' sentejn minn mindu sar l-incident, ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jipprovdi testwalment illi

*"L-azzjoni ghal hlas ta' hsarat mhux kagunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn."*

Dana, ghalhekk, huwa l-artikolu applikabbli ghal dan il-kaz. Peress illi dan it-terminu mhuwiex ta' dekadenza jista' jigi interott b'att gudizzjarju li jigi notifikat lis-socjeta' fuq imsemmija. L-incident mertu ta' din il-kawza gara fl-24 ta' Ottubru 2014 u kwindi kien ser jigi preskritt fl-24 ta' Ottubru 2016 sakemm dan il-perjodu ma jigix interrott. L- ittra ufficjali li ghandu quddiemu dan it-Tribunal igib id-data ta' 26 ta' Settembru 2016, u allura entro t-terminu ta' sentejn. Pero' ma jidhirx illi qatt giet notifikata lil GTE Joint Venture billi skond ir-riferta hemm miktub li l-att ma giex notifikat peress illi l-indirizz moghti ma kienx jezisti ("no such address"). (fol 120 a tergo). Kien f'dan is-sens illi t-Tribunal kien issospenda l-prolazzjoni tas-sentenza u rega' talab konferma illi dak l-att qatt ma gie notifika lil GTE Joint Venture.

Kwindi ghal dak li jirrigwarda il-kumpanija fuq imsemmija, it-terminu preskrittiv baqa' ghaddej sakemm gie interrott b'att gudizzarju iehor li huwa propju din il-kawza, illi pero' meta giet ipprezentata, it-terminu preskrittiv kien lahaq ghadda.

It-Tribunal ghalhekk m'ghandux triq ohra hlief li jilqa' l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' GTE Joint Venture u jiddikjara l-azzjoni fil-konfront tieghu preskritta. F'din is-sitwazzjoni mhux il-kaz joqghod jidhol fl-eccezzjonijiet l-ohra imqajma mis-socjeta' GTE Joint Venture.

Ghal dawn il-motivi jaqta' u jiddeciedi illi jichad it-talba tal-attur.  Bl-ispejjes kontra tieghu.

Dr Michela Spiteri LL.D.
*Ġudikatur*

Daniel Sacco
*Deputat Reġistratur*